## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR CHRISTIAN CAUCHI) V. OMISSIS

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**23 ta' Mejju 2024**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra *omissis* ta' 36 sena bin *omissis* u *omissis* nee' *omissis*, mwieled nhar it-23 ta' Lulju 1987 ġewwa l-Pieta', residenti ġewwa *omissis*, detentur tal-karta tal-Identita' *omissis* (imsejjaħ "l-imputat") li tressaq taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-lum 23 ta' Mejju 2024 mixli illi nhar it-22 ta' Mejju 2024 għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħaxija (21:15HRS) ġewwa r-residenza *omissis* u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin kif wkoll fix-xhur, ġimgħat, ġranet u/jew ħinijiet ta' qabel dan, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. **Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikolġika, u, jew sfurzar sabiex iġiegħel lis-sieħba tiegħu *omissis* li tgħix taħt l-istess saqaf miegħu, lil missieru *omissis*, lil ommu *omissis*, n-nanna tiegħu *omissis* u s-sieħba tiegħu *omissis* li tiġi omm it-tifel tiegħu *omissis* jagħmlu, iħallu jsir, jew jonqsu milli jagħmlu xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuni jew jiżola tali persuni jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg u li dan wasal fil-ħsieb tiegħu bl-aggravju billi d-delitt twettaq minn membru tal-familja li hi persuna li tgħix mal-vittma (mas-sieħba tiegħu *omissis*), jew persuna li abbuża mill-awtorita' tiegħu, kif wkoll il-delitt, jew id-delitti relatati twettaq jew twettqu ripetutament, kif wkoll id-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittmi u dan bi ksur tal-*Artikolu 251(1)(2), 251H(a)(b)(h) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,***
2. **Ikkaġuna lil missieru *omissis*, lil ommu *omissis*, n-nanna tiegħu *omissis* kif wkoll lis-sieħba tiegħu *omissis* li tiġi omm it-tifel tiegħu *omissis* fastidju għal aktar minn darba u ġab ruħu**

**b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għal missieru *omissis*, lil ommu *omissis*, n-nanna tiegħu *omissis* u s-sieħba tiegħu *omissis* u dan bl-aggravju billi delitt twettaq minn membru tal-familja li hi persuna li tgħix mal-vittma (mas-sieħba tiegħu *omissis*), jew persuna li abbuża mill-awtorita' tiegħu, kif wkoll il-delitt, jew id-delitti relatati twettaq jew twettqu ripetutament, kif wkoll id-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittmi u dan bi ksur tal-*Artikoli 251A, 251H(a)(b)(h) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*,**

3. **U aktar talli fl-istess dati, f'diversi ħinijiet u taħt l-istess ċirkustanzi kien jaf jew ikun messu kien jaf li n-nanna tiegħu *omissis* hi anzjana jew adult dipendenti u li taħt ċirkustanzi jew kondizzjonijiet, ħlief dawk li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement giegħel jew ippermetta li n-nanna tiegħu *omissis*, adulta dipendenti ssofri, jew ġab fuq in-nanna tiegħu *omissis* uġiegħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li kellu l-kura u l-kustodja tan-nanna tiegħu *omissis* jew adult dipendenti, xjentement ġiegħel jew ippermetta li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti issirilhom ħsara, jew xjentement ġiegħel jew ippermetta li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti titqiegħed f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħha tkun fil-periklu u dan bi ksur tal-*Artikolu 257Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,***

4. **U aktar talli nhar l-Erbgħa 22 ta' Mejju 2024 fid-disgħa u kwart ta' filgħaxija (21:15HRS) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa r-residenza fond numru *omissis* mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tas-sieħba tiegħu *omissis* li tiġi omm it-tifel tiegħu *omissis* f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq is-sieħba tiegħu *omissis* u dan bl-aggravju nilli d-delitt sar fuq *omissis* li hi il-konjuġi attwali kew eks konjuġi, sieħeb f'unjoni ċivili, jew koabitant, id-delitt sar fuq is-sieħba tiegħu *omissis* li jkollha jew li kellha tarbija komuni mal-ħati, id-delitt sar fuq is-sieħba tiegħu *omissis* li tkun qiegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet tgħix mal-ħati qabel ma twettaq ir-reat kif wkoll id-delitt sar fuq is-sieħba tiegħu *omissis* li tkun jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le kif wkoll id-delitt sar quddiem minuri jew dan ikun jista' jisma' x'ikun qed isir u dan bi ksur tal-*Artikoli 214, 215, 221(1)(a), 202(h)(i)(iv)(v)(vi)(i), 251H, 251HA tal-Kodiċi Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

5. **U aktar talli nhar l-Erbgħa 22 ta' Mejju 2024 fid-disgħa u kwart ta' filgħaxija (21:15HRS) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa r-residenza fond numru *omissis* ikkaġuna lis-sieħba tiegħu *omissis* li tiġi omm it-tifel tiegħu *omissis* biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti, aħwa subien jew bniet bl-aggravju nilli d-delitt sar fuq *omissis* li hi il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, id-delitt twettaq fuq jew fil-preżenza ta' minuri, kif wkoll twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u dan bi ksur tal-*Artikoli 251(3), 251H(a)(d)(f) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

6. **U aktar talli nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju 2024 għall-ħabta tal-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30HRS) u/jew fix-xhur, ġimgħat, ġranet u/jew ħinijiet ta' qabel dan ġewwa dawn il-**

> **gżejjer Maltin permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-ħsieb li jġiegħel lil *omissis*, *omissis* kif wkoll lil *omissis* biex jagħmlu jew jonqsu milli jagħmlu xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tagħhom, jew biex jimmalafama lil *omissis*, *omissis* kif wkoll lil *omissis* jew xi persuni oħra u għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-*Artikolu 49(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.***

wara li rat li ġiet mitluba ukoll sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' *omissis*, *omissis*, *omissis*, *omissis* u l-familjari tagħhom u dan billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi ai termini tal-Artikolu 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

wara li rat li ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, toħroġ ordni ta' trattament li tkun teħtieġ li l-persuna akkużata taċċetta li jsiriha trattament bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jista' jidhrilha adatti li tniżżel fl-ordni u dan ai terminu tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

wara li rat li fis-seduta tal-lum 23 ta' Mejju 2024, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija o meno tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara rat li meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi u ċioe l-Artikoli 202(h), (i), (iv), (v), (vi) u (i), 214, 215, 221(1)(a), 251A, 251(1), (2) u (3), 251H, 251HA, 257Ċ(1) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 49(b) u (ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih iżda minflok timponi piena karċerarja:**

- **peress illi hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Liġi, ai termini tal-Artikolu 7(1), (2) u (5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet snin millum. Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-**

**sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi u li ser jiġi sottopost għalih il-ħati. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur, u**

- **għall-istess raġunijiet ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal tlett snin u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-ordni sabiex ikun jista' jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzju tad-droga.**

**Inoltre l-Qorti qegħda ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur il-persuni msemmija fl-istess Ordni għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt dawk il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni li qed tiġi annessa mas-sentenza. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |

## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR CHRISTIAN CAUCHI) V. OMISSIS

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**23 ta' Mejju 2024**

IL-QORTI,

wara li rat li fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2024 hija ordnat *inter alia* l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation fil-konfront tal-imputat,

wara li rat li qabel ma' ħarġet tali ordni, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu ta' l-ordni jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom nstab ħati bis-sentenza msemmija,

wara li rat li l-ħati esprima r-rieda tiegħu illi jikkonforma mal-kundizzjonijiet elenkati f'din l-ordni,

qed tagħti din l-

### Ordni ta' *Probation*

taħt il-kundizzjonijiet segwenti:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' **<u>tlett (3) snin</u>** mil-lum,

2. Matul dan il-perjodu:

    1. il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Uffiċjal tal-*Probation* maħtur lilu u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-istess uffiċjal.

2. L- Uffiċjal tal-*Probation* maħtur għal dan l-iskop għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur. F'tali rapport l-Uffiċjal għandu ukoll jagħti informazzjoni lill-Qorti bil-progress tal-ħati fir-rigward tal-Ordni ta' Trattament illi ħarġet ukoll kontestwalment ma' din l-ordni.

3. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċjal tal-Probation b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

4. Il-ħati għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-Uffiċjal *tal-Probation* skond id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess uffiċjal u għandu, jekk l-Uffiċjal tal-*Probation* ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess uffiċjal.

5. Il-ħati għandu joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-*Probation* intiżi li jgħinu lill-ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reat jew jikkommetti reati oħra.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

***omissis***

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y. M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |

## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR CHRISTIAN CAUCHI) V. OMISSIS

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**23 ta' Mejju 2024**

IL-QORTI,

wara li rat li fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2024 hija ordnat *inter alia* ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li l-ħati jitpoġġa taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-ordni ta' Trattament sabiex il-ħati ikun jista' jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzju tad-droga,

wara li rat li l-ħati esprima r-rieda tiegħu illi jikkonforma mal-kundizzjonijiet elenkati f'din l-ordni,

wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u l-konsegwenzi jekk jonqos li jħares jew li milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ,

qed tagħti din l-

## Ordni ta' Trattament

taħt il-kundizzjonijiet segwenti:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' **<u>tlett (3) snin</u>** mil-lum,

2. It-Trattament ser ikun sabiex il-ħati jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzju tad-droga taħt id-direttivi ta' persuna kwalifikata, skont kif l-Uffiċjal tal-Probation maħtur jiddetermina fl-aħjar interess tal-ħati,

3. Matul il-perjodu tal-Ordni ta' Trattament, l-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal Sorveljanti u tal-Esperti li lilhom jista jiġi riferut il-ħati minnu u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ magħhom skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

4. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole

***omissis***

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y. M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |

## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR CHRISTIAN CAUCHI) V. OMISSIS

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**23 ta' Mejju 2024**

IL-QORTI,

qegħda tqis li jkun spedjenti li bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni hawn isfel indikati, tagħmel

**Ordni ta' Trażżin**

taħt il-kundizzjonijiet t'hawn taħt:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' **<u>tlett (3) snin</u>**,
2. Il-ħati ***<u>omissis</u>*** qed jiġi pprojbit milli b'xi mod idejjaq jew jimmolesta, inkluż billi jippersisti b'talba jew talbiet sabiex isellfuh flus, lil *omissis*, *omissis*, *omissis*, *omissis* u l-familjari tagħhom (imsejjħa "il-persuni protetti")
3. Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposti fuqu f'din l-Ordni huwa ikun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni ta' din l-ordni.

Tordna li din l-Ordni tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

***omissis***

**V.G. Axiak** **Y. M. Pace**

**Maġistrat** **Dep. Reġistratur**